MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 209/2011

**SeaNav Maritime Services Limited (C-37478)**
**Vs**
**Elevators D.C Company Ltd (C-45440)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-konvenuti taw struzzjonijiet lill-esponenti ghas-servizzi ta' garr ta' merkanzija u servizzi relatati.

Illi tax-xoghol li ghamlu fuq dan l-inkarigu l-esponenti hargu invoices bin-numru 20100193 u 20100250 datati tmintax (18) ta' Marzu, 2010 u tnax (12) ta' April, 2010 rispettivament (hawn annessi u mmarkati bhala Dok 'A' u Dok 'B'), bl-ammonti ta' tlett elef u tnejn u tletin Euro u sittin centezmu (€3032.60) u hames mija u wiehed u tletin Euro (€531) rispettivament.

Illi dan l-ammont gie ridott bonarjament ghal tliet elef, erbgha mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmu (€3494.06) ghall-finijiet ta’ din il-procedura.

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi ghall-hlas ta’ l-ammont imsemmi izda l-konvenuti baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponenti qeghdin jitolbu lil dan it-Tribunal jordna lil-konvenuti jhallsu din is-somma totali ta’ €3494.06 bl-imghax skont il-ligi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-24 ta’ Novembru, 2011 mill-Avukat Sharon Pace Gouder u l-fatt li rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta’ konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-Socjeta` attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------